# IL-PJAN TAL-LEZZJONI – 6.4

**Kap 6: Ġesu qam tassew**

**Lezzjoni 6.4. – Miegħu sakemm ħaduh**

**L-Għanijiet:**

**L-istudenti:**

1. Jirrevedu l-istorja tal-Passjoni ta' Ġesù.
2. Jisimgħu l-istorja ta' Pietru fil-Palazz.
3. Jiddiskutu kif ħassu Pietru.
4. Jitgħallmu kif spiċċa Pietru wara li ċaħad lil Ġesù.



**Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:**

- Ppt : Miegħu Sakemm Ħaduh ...
- Link: Peter Denies Jesus
  https://www.youtube.com/watch?v=8iD5luFO7-U



## Naqsmu flimkien – L-Introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Spjega: Fil-lezzjoni ta' qabel semmejna xi personaġġi li ħadu sehem fil-ġrajja tal-Passjoni.
- Spjega: Illum se nħarsu aktar fil-fond dwar wieħed minnhom. Dan qatta' ħafna ħin ma' Ġesù f'dawk it-tliet snin li għamel jgħallem u jfejjaq. Iżda qabel ejjew naraw din il-Ppt flimkien.
- Uri l-Ppt: *Miegħu Sakemm Ħaduh ...*



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

- Iftaħ diskussjoni u spjega: Hawnhekk Pietru jirrakkonta l-esperjenza tiegħu mindu ltaqa' mal-imgħallem tiegħu sal-ġrajja tal-Passjoni.
- Iddiskuti d-diversi fażijiet ta' Pietru u ara t-tfal x'impressjoni jkun ħalla fuqhom.
- Iddiskuti l-emozzjonijiet li seta' kellu Pietru fid-diversi sitwazzjonijiet li ltaqa' magħhom.
- Iddiskuti għalfejn Pietru aġixxa kif aġixxa.
- Spjega: Sakemm Pietru kien għadu ma' Ġesu kien iħossu b'saħħtu.
- Meta ra lil Ġesù jbatu u kien waħdu tgerfex.
- Għin lit-tfal joħolqu sitwazzjonijiet meta jixbhu lil Pietru.
- Hawnhekk tista' turi l-klipp: *Peter denies Jesus.*
- Agħlaq b'talba addatata.



## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)




1. Pietru kien iħobbu ħafna lil Ġesu'.
2. Kien ċert li ma kien ser iħallieh qatt.
3. Meta ħadu lil Ġesù hu mar warajh.
4. Mar fil-bitħa tal-palazz biex jisħon ħdejn in-nar.
5. Fil-bitħa ċaħad lil Ġesù u qal li ma jafux.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal juru lealtà lejn il-ħbieb tagħhom u juru li f'qalbhom huma lesti li jaħfru lil min jonqoshom jew iweġġagħhom.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Link: Peter Denies Jesus

https://www.youtube.com/watch?v=8iD5luFO7-U



## Nitolbu

Ġesù, għinna biex qatt ma niċħdu lil dawk li jħobbuna.

